# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta**
**tnax (12) ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru 907/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr James Scerri Worley (ID 12280M) bħala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Liberty International Aktiengesellschaft**

**Vs**

**John's Group Limited (C-11392) u Raymond Farrugia (ID 749852M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Settembru 2019, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* talab is-segwenti:

    1. *Illi s-socjeta' attrici hija socjeta' estera registrata gewwa Liechenstein involuta fl-industrija tat-turizmu. L-attrici tikkontrolla l-grupp hekk imsejjah Liberty International Tourism Group li da parti taghha topera fis-settur tat-Turizmu madwar id-dinja b'numru ta' rapprezentanzi f'diversi pajjizi;*

    2. *Illi fis-sena 2010, l-attrici waslet fi ftehim mas-socjeta' konvenuta sabiex flimkien jinkorporaw kumpanija gewwa Malta, bl-isem ta' Liberty International Malta Limited, li minnha joperaw minn u gewwa Malta. L-attrici obbligat ruhha li tghaddi l-informazzjoni relatati man-negozju u*

*prattici taghha gewwa tali kumpannija u li tippermetti lill-kumpanija tuza l-infrastruttura tal-attrici;*

3. *Illi 1-partijiet ftehmu wkoll li l-kumpanija kienet ser tippartecipa fl-ispejjez komuni tal-Liberty International Tourism Group u li ghalhekk kellha thallas lill-attrici;*

4. *Illi l-partijiet kienu firmatarji ta' Shareholders'Agreement datat it-23 ta' Settembru, 2010 (hawn anness u mmarkat bhala "Dok LB1'1) u permezz tieghu ftehmu li jinkorporaw il-kumpanija bl-isem ta' "Liberty International Malta Limited'' u di fatti din giet inkorporata fit-22 ta' Ottubru 2010 b'numru ta' registrazzjoni ta' C-50958;*

5. *Illi 51% tal-ishma fi hdan Liberty International Malta Limited kienu mizmuma mill-attrici filwaqt li s-socjeta' konvenuta kellha 49% tal-ishma;*

6. *Illi fl-4 ta' Settembru tas-sena 2018 l-attrici u l-konvenuta John's Group Limited iffirmaw "Cancellation of Agreement and Transfer of Shares, (hawn anness u mmarkat bhala "Dok LB2") li permezz tieghu qablu li jitterminaw is-Shareholders' Agreement b'dana illi l-ishma tal-konvenuta John's Group Limited fi hdan is-socjeta' Liberty International Malta Limited jigu trasferiti lill-attrici u l-istess attrici takkwista tali ishma biex b'hekk l-attrici saret l-unika azzjonista tas-socjeta' Liberty International Malta Limited;*

7. *Illi f'Settembru tas-sena 2018 gew trasferiti l-ishma kollha tal-konvenuta lill-attrici u di fatti s-socjeta' Liberty International Malta Limited saret kumpanija b'azzjonist wiehed;*

8. *Illi fid-data tal-'Cancellation of Agreement and Transfer of Shares' jirrizulta li l-konvenuta John's Group Limited, kellha debiti versu l-attrici rapprezentanti hlasijiet pendenti fl ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000) u di fatti l-konvenuta John's Group Limited stess irrikonoxxiet tali bilanc fil-Cancellation of Agreement and Transfer of Shares fi klawsola numru 8 intestata 'Payments' tal-istess ftehim;*

9. *Illi permezz tal-imsemmija klawsola 8, il-konvenuta John's Group Limited obbligat ruhha li thallas lill-attrici is-somma ta' mitt elef Ewro (€100,000.00) fuq zewg pagamenti. L-ewwel pagament fl-ammont ta' hamsin elf (€50,000) kellu jsir sal-10 ta' April tas-sena 2019 u t-tieni pagament fl-ammont ta' hamsin elf (€50,000) sat-18 ta' Gunju tas-sena 2019;*

10. *Illi permezz ta' l-imsemmi ftehim, il-konvenut Raymond Farrugia kien iggarantixxa personalment u in solidum ma' l-imsemmija socjeta' konvenuta, l-obbligi kollha minnha assunti in virtu tal-ftehim de quo, inkluz ghalhekk l-obbligu tal-hlasijiet u oltre kif dovuti in virtu tal-Klawsola Numru 8 fuq imsemmija;*

11. *Illi nonostante t-termini cari kristall u maqbula bejn il-partijiet kollha, tali termini ma gewx rispettati;*

12. *Illi l-attrici interpellat lill-konvenuti John's Group Limited u lil Raymond Farrugia bhala garanti, sabiex jonoraw it-termini u obbligazzjonijiet esposti fil-ftehim permezz tal-intavolar ta' ittra ufficjali bin-numru 1997/19 (annessa u mmarkata bhala "Dok LB3", pero' l-konvenuti baqghu inadempjenti;*

13. *Illi l-ammont dovut ta' mitt elf Ewro (€100,000) huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attrici, l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra t-talba u l-pagament tal-istess;*

14. *Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

15. *Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment mill-attrici.*

    *Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar- ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

    1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
    2. *Tiddikjara li l-konvenuti, in solidum bejniethom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' mitt elf Ewro (€ 100,000) a tenur tal-Klawsola Numru 8 tal-Cancellation of Agreement and Transfer of Shares;*
    3. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt elf Ewro (€ 100,000) a tenur tal-Klawsola Numru 8 tal-Cancellation of Agreement and Transfer of Shares;*

    *Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali (1997/2019) u bl-imghax dekorribli skont il-ligi kontra l-intimata li r-rapprezantanti u/jew ufficjali taghhom huma minn issa ingunti in subizzjoni*

2. Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2019, deher l-intimat Raymond Farrugia u gharraf lill-Qorti illi kien qieghed jikkontesta t-talbiet kif dedotti u gie awtorizzat jipprezenta eċċezzjonijiet sas-seduta ta' wara.

3. Rat illi fl-1 ta' Novembru 2019, l-intimati ipprezentaw nota illi bihom ammettew it-talbiet fil-kawża kif dedotti. (fol 33)

4. Rat illi, in vista ta' tali ammissjoni, is-socjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-senenza.

**DECIDE:**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-atti kollha processwali,

Wara illi rat l-ammissjoni tas-socjeta' intimata John Group Limited u ta' l-intimat Raymond Farrugia illi saret fl-1 ta' Novembru 2019.

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* kif dedotti, u ghalhekk;

**Tiddikjara** li l-konvenuti, in solidum bejniethom, huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' mitt elf Ewro (€ 100,000) a tenur tal-Klawsola Numru 8 tal-Cancellation of Agreement and Transfer of Shares;

Tikkundanna lill-konvenuti, in solidum bejniethom, sabiex iħallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt elf Ewro (€ 100,000) a tenur tal-Klawsola Numru 8 tal-Cancellation of Agreement and Transfer of Shares;

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali (1997/2019) u bl-imghax dekorribli skont il-ligi kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**